**24 ta' Novembru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, *LL.D.***

Giuseppe Apap

*versus*

Maria Cassar et.

**Eredità ġjaċenti — kurati "de jure" ta' eredità ġjaċenti — Nullità u Leġittimu kontradittur — Liberatio ab observantia judicii — Art. 926 u 927, Kodiċi Ċivili.**

Il-Qorti, fuq l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-mejjet Carmelo Cassar kien inkarigah li jagħmillu diversi xogħlijiet ta' injam f'postijiet differenti kif jiġi pruvat waqt il-kawża; u peress illi huwa baqa' ma tħallasx ta' dan *ix-xogħol nonostante li ilu ħafna żmien lest, talab li l-konve*nuti għar-raġunijiet premessi jiġu kundannati jħallsu dik issomma li tiġi likwidata occorrendo per mezz ta' periti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta f'isimha proprju u bħala kuratriċi deputata biex tirrappreżenta l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Carmelo Cassar (fol. 11) li biha eċċepit li ma għanda tagħti xejn lill-attur peress illi huwa tħallas meta kien għadu ħaj Carmelo Cassar;

Omissis.

Rat il-verbal tas-seduti miżmuma quddiem il-perit legali u fejn Dottor Albert Ganado għall-konvenuta eċċepixxa illi l-eredità ta' Carmelo Cassar ma kienitx ġjaċenti meta saret iċ-ċitazzjoni u għalhekk il-konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju (fol. 52 tergo);

Rat il-verbal tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 1964 (fol. 46) li bih ġie ordnat illi ssir quddiem il-Qorti tat-trattazzjoni tal-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut quddiem il-perit legali;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta (fol. 50) preżentata fit-tmienja u għoxrin (28) ta' April, 1964, li biha eċċepit formalment dak li kienet diġà eċċepit quddiem il-perit legali fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru, 1963, illi l-eredità ta' Carmelo Cassar ma kienitx ġjaċenti meta saret iċ-ċitazzjoni għaliex kien hemm xi wħud minn uliedu li kienu assumew il-kwalità ta' eredi, kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża u kif jidher mill-atti tal-kawża fl-ismijiet invers; deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru, 1960, u subordinatament, eċċepit illi anke jekk l-eredità kienet għadha ġjaċenti din il-Qorti ma kellhiex fakoltà tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti iżda ċ-ċitazzjoni hija rrita u nulla għaliex ma saritx kontra l-kuraturi "de iure" tal-eredità (art. 927 Kod. Ċiv. "Ellul vs. Coleiro" App. Ċiv. 24/4/64) u fi kwalunkwe każ il-konvenuta għandha tiġi liberata ab observantia;

Rat il-verbal tat-tmintax (18) ta' Mejju, 1964, li bih Dot-

tor Albert Ganado għall-konvenuta talab illi tiġi deċiża l-eċċezzjoni mogħtija in subordine bin-nota tat-tmienja u għoxrin (28) ta' April, 1964, iġifieri jekk l-eredità kienet ġjaċenti ma kienx hemm lok għan-nomina ta' kuraturi għax ma saritx kontra l-*kuraturi "de iure"* ta' l-eredità;

Tikkunsidra illi mill-provi li saru fil-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru, 1960 jirriżulta illi Carmelo Cassar kien miżżewweġ darbtejn u kellu ħamest itfal mill-ewwel mara u żewġt *itfal minorenni mit-tieni żwieġ meta huwa miet fis-sitta* u għoxrin (26) ta' Settembru, 1954: Il-konvenuta kienet għamlet kawża kontra Giuseppe Apap, l-attur f'din il-kawża, personalment u bħala kuratriċi ad litem ta' dawn iż-żewġt itfal minuri għar-restituzzjoni ta' flus, liema kawża spiċċat b'liberatoria ab observantio billi ma kienitx għadha saret il-likwidazzjoni tal-wirt tal-istess Carmelo Cassar. L-attur f'din il-kawża huwa miżżewweġ lil waħda mit-tfal ta' Carmelo Cassar mill-ewwel żwieġ. Carmela Cassar kienet ipproduċiet għar-restituzzjoni tas-sehem li kien imiss lilha u għas-sehem li kien imiss liż-żewġt itfal minuri, ċioè għaż-żewġ settimi tan-nofs. *Ma jirriżultax jekk it-tfal tal-ewwel żwieġ kienux inkassaw is-*sehem tagħhom jew b'xi mod ieħor inġerew ruħhom fil-wirt ta' Carmelo Cassar iġifieri jekk huma aċċettawx jew le l-wirt ta' missierhom;

L-attur issa qiegħed jitlob il-ħlas tal-kumpens lilu dovut għal xogħlijiet li kien għamel u li qiegħed jippretendi mingħand il-konvenuta in nome proprio bħala ko-parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ġà eżistenti bejnha u bejn il-mejjet żewġha Carmelo Cassar, u kontra l-wirt battal tal-istess Cassar kif rappreżentat mill-istess Maria Cassar. Ma hemmx kwistjoni li meta ġiet intentata din il-kawża ċioè fit-tmienja (8) ta' Ottubru, 1955, iż-żewġt itfal ta' Carmelo Cassar mit-tieni żwieġ tiegħu kienu għadhom minorenni u għalhekk iż-żmien biex jaċċettaw il-wirt tiegħu bil-benefiċċju tal-inventarju kien għadu

għaddej (art. 926 Kod. Civ.) Sa dana t-tant billi kienet għaddiet aktar minn sena mill-mewt ta' Carmelo Cassar it-tfal maġġorenni tiegħu setgħu aċċettaw u setgħu ma aċċettawx il-wirt tiegħu. Għalhekk il-pożizzjoni kienet din: *jew kien hemm xi* ħadd li aċċetta l-wirt ta' Carmelo Cassar u kwindi l-kawża ma missiex saret kontra l-kuraturi tal-wirt battal imma kontra l-eredi direttament; jew ma kienitx għadha aċċettat, u billi kien hemm il-minuri li a favur tagħhom kien għaddej it-terminu biex jaċċettaw il-wirt bil-benefiċċju tat-terminu, kien hemm il-kuraturi de iure ta' dina l-eredità cioè l-istess minuri fil-persuna ta' rappreżentat leġittimu tagħhom u għalhekk il-kawża missa saret kontra dan ta' l-aħħar kif għallmet l-Onorabbli Qorti tal-Appell in re "Coleiro vs. Ellul" 24 ta' April, 1964. Fi kwalunkwe każ il-proċediment in kwantu huwa dirett kontra l-wirt battal ta' Carmelo Cassar huwa rritwali u għalhekk hemm lok ta' liberatorja ab observantia billi ma hemmx leġittimu kontradittur.

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tillibera lill-konvenuta Carmela Cassar nomine mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur; u tħalli l-kawża in kwantu diretta kontra Carmela Cassar in nome proprio għall-kontinwazzjoni għas-seba' (7) ta' Jannar, 1965.